

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2019 — Rodriguez Prieto vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-61/18) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Każ ‘Eurostat’ — Proċeduri kriminali nazzjonali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Talba għal assistenza — Informatur — Preżunzjoni ta’ innoċenza — Rikors għad-danni u rikors għal annullament”)*

(2019/C 182/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

**Rikorrent:** Amador Rodriguez Prieto (Steinsel, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin u R. Garcia-Valdecasas y Fernandez, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u R. Striani, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li r-rikorrent allegatament ġarrab u, sussidjarjament, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2017 li tiċħad talba għal assistenza tar-rikorrent.

## Dispożittiv

- 1) *It-talbiet għad-danni huma miċhuda.*
- 2) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Marzu 2017 li tiċħad talba għal assistenza ta' Amador Rodriguez Prieto hija annullata.*
- 3) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż ta' A. Rodriguez Prieto.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 134, 16.4.2018.